



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# IL-KOMUNIKAZZJONI MAĊ-ĊITTADINI TAL-UE — NAĦTFU L-OPPORTUNITÀ

*Rapport minn Luc Van den Brande,  
Konsulent Speċjali lill-President tal-Kummissjoni Ewropea*

## FIL-QOSOR

Ottubru 2017

L-UE dan l-aħħar għaddiet minn kriżi maġġuri ta' identità, mimlija sfidi ekonomiċi u soċjali sinifikanti, Ewrosetticiżmu u estremiżmu dejjem jiżdied kif ukoll sinjali bla preċedent ta' nuqqas popolari ta' fiduċja fil-proġett Ewropew mindu beda dan id-deċennju. Quddiem din is-sitwazzjoni, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker poġġa l-bini mill-ġdid tal-ponijiet fl-Ewropa wara l-kriżi bħala komputu ewlieni tal-mandat tiegħu, sabiex terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja taċ-ċittadini. Sabiex jagħmel dan, huwa ppropona żewġ azzjonijiet ewlenin: l-iffukar tal-politiki tal-UE fuq l-isfidi ewlenin u t-tisħiħ tal-leġittimità demokratika.

F'dan il-kuntest, il-President Juncker ħatar lil Luc Van den Brande, l-eks Ministru-President tar-reġjun tal-Fjandri u l-eks President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, bħala l-Konsulent Speċjali tiegħu dwar il-komunikazzjoni maċ-ċittadini. Il-mandat kien jinkludi l-preparazzjoni ta' rapport dwar kif għandhom jissaħħu r-rabtiet bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha.

Ir-Rapport Van den Brande jagħti rendikont tal-eżerċizzju ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni; huwa dokument indipendenti li mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni tal-Kummissjoni. Huwa jħares lejn sinerġiji ma' atturi oħra Ewropej u nazzjonali fil-promozzjoni tad-djalogu mal-pubbliku. Huwa jfisser il-qafas għal Ewropa aktar iffokata fuq iċ-ċittadini u jispjega kif forom ġodda ta' tisħib mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet lokali u reġjonali u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni jistgħu jikkontribwixxu fil-bini ta' pontijiet ġodda maċ-ċittadini. Huwa jagħti wkoll attenzjoni għall-importanza li jkun hemm impenn maż-żgħażaġh Ewropej bħala sħab ewlenin. Huwa jikkonkludi b'ġabra konkreta ta' linji-gwida dwar il-komunikazzjoni, kif ukoll b'rakkomandazzjonijiet. Ir-rapport jinsab hawn: [https://ec.europa.eu/commission/publications/reaching-out-eu-citizens-new-opportunity\\_en](https://ec.europa.eu/commission/publications/reaching-out-eu-citizens-new-opportunity_en)

## LEJN RELAZZJONI ĠDIDA BEJN L-UE U Ċ-ĊITTADINI TAGĦHA

Kemm is-sitwazzjoni politika kif ukoll dik ekonomika qegħdin, madankollu, jevolvu b'mod pożittiv. L-ekonomija Ewropea ċertament tinsab ħierġa mill-kriżi. Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet Ewropej irkuprat; Skont l-Ewrobarometru Standard 87 li sar f'Mejju 2017, 68 % ta' dawk li wiegħbu jħossu li huma ċittadini tal-UE u 56 % huma ottimisti dwar il-futur tagħha. L-isfida issa hija dik li l-Kummissjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jaħtfu dan ir-ritmu u jerġgħu jimpenjaw ruħhom mal-pubbliku inġenerali b'approċċ ġdid — **attitudni** ġdida.

Fi ħdan dan il-qafas, il-President Juncker, waqt l-Indirizz tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, irrefera għall-ħtieġa li jinqabad ir-riħ li l-UE għandha fil-qala' bħalissa. Huwa impenja ruħu wkoll għall-implimentazzjoni ta' aġenda pożittiva — Ewropa li ttiproteġi, tagħti s-setgħa u li tiddefendi — u biex jitkompla d-dibattitu dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa sal-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2019.

Ir-rapport iqis li llum huwa aktar importanti minn qatt qabel li l-Unjoni Ewropea tpoġġi liċ-ċittadini fiċ-ċentru tal-azzjoni politika tagħha. Sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-pubbliku, qiegħda tiġi proposta azzjoni urġenti dwar erba' assi kumplementari:

- Jitfasslu politiki li jkunu jaqblu mal-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini tagħha. In-nies ma jistennewx biss **fatti**; huma jridu wkoll li jkunu involuti fl-**għażliet** li jkunu jistgħu jiddiskutu u aktar tard jaġixxu dwarhom.
- Jimplimentaw demokrazija reali, b'tifsira, li tipprovdi liċ-ċittadini bil-possibbiltà li jsiru protagonisti tal-azzjoni politika fi ħdan l-Unjoni. Din il-parteċipazzjoni, li tista' tinkiseb permezz ta' forom ġodda ta' ftehimiet ta' tisħib, b'mod partikolari fil-livell lokali u dak reġjonali, iżżid is-sens ta' sjieda miċ-ċittadini tal-proġett kollu kemm hu. L-UE jeħtiġilha wkoll tagħraf bis-sħiħ u tesplojta l-għarfien tar-rappreżentanti tas-soċjeta ċivili li ta' spiss jiddefinixxu soluzzjonijiet ġodda.
- Jiġu esplotjati bis-sħiħ l-istrumenti ġodda ta' komunikazzjoni bħala mezz sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jkollhom aċċess aħjar u joħolqu kontenut, inkluż dwar affarijiet tal-UE li jolqtuom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Teknoloġiji ġodda, u speċjalment il-midja soċjali, jaġġtu s-setgħa liċ-ċittadini li jesprimu ruħhom direttament u jaġġtu leħen lin-nies madwar l-Ewropa kollha.
- Jiġi definit approċċ ġdid għaż-żgħażaġħ bħala udjenza ta' prijorità fil-mira, billi tiġi żviluppata narrattiva bbażata fuq il-valuri sabiex jiġi attirat l-interess tal-ġenerazzjonijiet li telgħin u biex jingħatawllhom l-istrumenti li bihom ikunu jistgħu jsiru l-mexxejja l-ġodda tal-proġett Ewropew. Meta hemm aktar minn 40 % tal-Ewropej li għandhom anqas minn 35 sena, iż-żgħażaġħ jibqgħu, aktar minn qatt qabel, sħab ċentrali tal-komunikazzjoni u d-djalogu.

## IL-PROPOSTI EWLENIN

Ir-rapport jinkludi firxa wiesgħa ta' proposti. L-ewwel grupp huwa dwar l-implimentazzjoni ta' demokrazija parteċipatorja fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. L-awtur iqis li t-Trattat u l-istrumenti li diġà qegħdin hemm joffru firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet li jistgħu jiġu esplorati peress li l-promozzjoni tad-djalogu bejn iċ-ċittadini fil-livell Ewropew hija milqugħa ħafna. Dan huwa rilevanti fuq kollox meta wieħed iqis li ż-żgħażaġħ jippreferu li l-politika tkun aktar relatata mal-attivitajiet u mal-kwistjonijiet. Id-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet għandu jissafha b'mod kemm jista' jkun wiesa' sabiex jinkludi kontribut mill-pubbliku inġenerali. Hemm bżonn li jkun ċar li l-aġenda tkun qiegħda titfassal minn isfel għal fuq, biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jkollhom sehem fid-deċiżjonijiet f'mudell riformat li jibni l-kunsens minn taħt.

Ir-rapport jirrakkomanda l-istabbiliment ta' ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet ta' tisħib fil-komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, sabiex ir-responsabbiltà li ċ-ċittadini jiġu infurmati dwar l-UE tiġi kondiviża. F'dan is-sens, l-istabbiliment ta' tisħib ġdid ma' awtoritajiet reġjonali u lokali jidher li hu l-aħjar mod li bih issir il-komunikazzjoni maċ-ċittadini għaliex il-qrubija tagħhom tagħmel il-kuntatt maċ-ċittadini aktar faċli. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li fl-edukazzjoni tiġi promossa d-dimensjoni Ewropea u li ż-żgħar li jkunu ġejjin minn sfondi differenti u li jkollhom talenti differenti jitħejjew b'mod aħjar għall-ħajja flimkien **fid-djalogu**. Ir-rwol soċjali tal-edukazzjoni jenħtieġ li jiġi indirizzat bis-sħiħ fid-diskussjoni li għaddejjja bħalissa dwar il-ġejjieni tal-Ewropa. Ir-rapport jenfasizza wkoll l-importanza li ċ-ċittadini jkunu intitolati li jipparteċipaw bis-sħiħ f'kull livell fid-demokrazija komuni tal-Unjoni: lokali, reġjonali u nazzjonali.

Il-proposti jirreferu wkoll għall-attivitajiet ta' bħalissa li qegħdin jiġu implimentati mill-Kummissjoni. Pereżempju **d-djalogi maċ-ċittadini** regolari li qegħda torganizza madwar l-UE jgħinu lill-UE li tikkomunika maċ-ċittadini tagħha: Bejn Jannar 2015 u Settembru 2017, saru 333 djalogi taċ-ċittadini f'145 belt. **Iċ-Ċentri Europe Direct**, li minnhom hemm aktar minn 500, li għandhom rwol essenzjali bħala sħab għall-interazzjoni maċ-ċittadini u li jqarrbuhom lejn l-UE, għandhom isiru aktar ċentrali bħala punti fokali għall-għoti ta' informazzjoni.

Ir-rapport jinkludi 15-il linja gwida għal attivitajiet imtejba ta' komunikazzjoni, li jvarjaw minn koordinazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri meta jikkomunikaw dwar materji Ewropej, għat-tnedija ta' ġenerazzjoni ġdida ta' djalogi taċ-ċittadini li jkunu jinvolve personalitajiet kulturali, artistiċi u sportivi.

Ir-rapport jikkonkludi bi 15-il rakkomandazzjoni ġenerali ulterjuri li jvarjaw mill-inkoraġġiment ta' "assembleji taċ-ċittadini" deċentralizzati, minn isfel għal fuq sabiex jirriflettu u jiddibattu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa għal — abbażi tal-esperjenza Erasmus + — il-promozzjoni ta' skemi ġodda għall-faċilitazzjoni tal-iskambji u n-netwerks għal, fost oħrajn, il-politiċi lokali.

Is-CV tas-Sur Van den Brande jinstab hawn [https://ec.europa.eu/info/files/cv-luc-van-den-brande\\_en](https://ec.europa.eu/info/files/cv-luc-van-den-brande_en)